

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2014 (Każ R 1415/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Jaguar Land Rover u Nissan Jidosha.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-9 ta' Diċembru 2014 (Każ R 1415/2013-4) hija annullata.*
- 2) *L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż ta' Jaguar Land Rover Ltd.*
- 3) *Nissan Jidosha KK għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 118, 13.4.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Frar 2017 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-145/15) <sup>(1)</sup>

**(“FAEG u FAEŻR — Miżuri marbuta maż-żona — Infiq eskluż mill-finanzjament — Korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa — Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 — Obbligu ta' motivazzjoni — Proporzjonalità”)**

(2017/C 104/63)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Ir-Rumanija (rappreżentanti: inizjalment R.-H Radu, V. Angelescu, R. Mangu, D. Bulancea, N. Horumbă, E. Mierlea u T. Crainic, sussegwentement R.-H Radu, V. Angelescu, R. Mangu, N. Horumbă, E. Mierlea u T. Crainic, aġenti)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni (rappreżentanti: A. Biolan u G. von Rintelen, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 16, p. 33).

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija annullata sa fejn din tirrigwarda lir-Rumanija.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti mir-Rumanija.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 178, 1.6.2015.

---